



28.9.2012

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: **Petizzjoni 0363/2012, imressqa minn Jacques Maret, ta' ċittadinanza Franċiża, dwar in-nuqqas ta' ħlas jew il-ħlas tard ta' fondi FAEŻR fi Franza**

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jilmenta dwar in-nuqqas ta' ħlas jew il-ħlas tard ta' sussidji mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) lill-bdiewa fi Franza (b'mod partikolari fid-dipartiment ta' Charente-Maritime). Il-petizzjonant, li huwa bidwi organiku, huwa intitolat għas-sussidji FAEŻR u jemmen li l-ħlas pendenti jirriżulta minn diskriminazzjoni kontra l-irziezet organiċi favur l-irziezet konvenzjonali fi Franza. Huwa jitlob li ssir investigazzjoni.

2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-6 ta' Lulju 2012. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-28 ta' Settembru 2012

L-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1698/2005¹ dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) huwa msejjes fuq il-prinċipju ta' kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. Jirriżulta speċjalment mill-Kapitolu I tat-Titolu VI ta' dan ir-Regolament li l-Istat Membru kkonċernat huwa responsabbli għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni effikaċi, effettiva u korretta tal-programm. Għaldaqstant, ir-relazzjonijiet bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-benefiċjarji jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru kkonċernat.

¹ ĠU L 277, 21.10.2005.

Il-mobilizzazzjoni tal-fond FAEŻR hija definita mill-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1290/2005 tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2005 kif ġej: "*Soġġett għad-disponibbiltà tar-riżorsi, il-Kummissjoni għandha tagħmel h̄lasijiet intermedji sabiex tirrimborża l-infiq imwettaq mill-aġenziji tal-h̄las akkreditati fl-implimentazzjoni tal-programmi. Kull h̄las intermedju għandu jkun soġġett għal konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:*

a) it-trażmissjoni lill-Kummissjoni tad-dikjarazzjoni ta' nfiq iffirmata mill-aġenzija tal-pagamenti akkreditata (...)". Kull pagament li jsir fil-qafas tal-FAEŻR huwa rimborż lill-Istat Membru tal-h̄lasijiet li jkunu diġà saru.

Il-Kummissjoni tagħti importanza kbira lill-użu effikaċi u xieraq tal-fondi tagħha, fosthom il-fond FAEŻR. Il-punt dwar id-dewmien fil-h̄lasijiet fil-qafas tal-programm ta' żvilupp rurali għal Franza (miżuri agroambjentali) tressaq quddiem l-awtoritajiet Franċiżi waqt il-laqgħa annwali tat-8 ta' Novembru 2011. L-awtorità ta' ġestjoni speċifikat li d-dewmien fil-h̄lasijiet għall-2010 ġie rimedjat fis-sajf tal-2011. Il-Kummissjoni enfasizzat li s-soluzzjoni adottata għandha tkun waħda sistemika u mhux temporanja.

Konklużjoni

Avolja fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jeżistux regoli speċifiċi dwar l-iskadenzi inkwistjoni, il-fond FAEŻR għandu jintuża b'mod effikaċi. Fil-każ ta' nuqqas ta' h̄las jew ta' h̄las tard, il-benefiċjarju jista' jipprevedi azzjoni ġudizzjarja fil-livell nazzjonali.